2024/2596

7.10.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2596

tal-4 ta' Ottubru 2024

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/655 fir-rigward tal-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024

(notifikata bid-dokument C(2024) 6784)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 ([2]), l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema ta' għajnuna tal-Unjoni għall-provvista tal-frott u l-ħxejjex, tal-banana u tal-ħalib fl-istabbilimenti tal-edukazzjoni ("l-iskema tal-iskejjel"), iridu jressqu t-talba tagħhom lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, għall-għajnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika li jkun imiss, u jekk ikun applikabbli, jaġġornaw it-talba għall-għajnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika attwali.

(2) Abbażi tal-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri sal-31 ta' Jannar 2023, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/655 ([3]) stabbiliet l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel fost l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema tal-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024.

(3) Fin-notifiki li ġew ippreżentati sal-31 ta' Awwissu 2024 skont l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, il-Portugall u r-Rumanija nnotifikaw it-trasferimenti bejn l-allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u l-allokazzjoni definittiva għall-ħalib fl-iskejjel.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/655 tiġi emendata kif xieraq.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/655 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1370/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 tat-3 ta' Novembru 2016 dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/39/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/655 tal-10 ta' Marzu 2023 li tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493 (ĠU L 81, 21.3.2023, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/655/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

Sena skolastika 2023/2024

Stat Membru	Allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel f'EUR	Allokazzjoni definittiva għall-ħalib fl-iskejjel f'EUR
Il-Belġju	3 815 785	1 433 417
Il-Bulgarija	2 185 256	1 800 090
Iċ-Ċekja	3 507 158	3 124 223
Id-Danimarka	1 739 147	1 632 431
Il-Ġermanja	20 984 737	9 628 111
L-Estonja	416 641	764 787
L-Irlanda	1 986 571	873 414
Il-Greċja	3 149 503	1 464 086
Spanja	13 751 007	5 736 134
Franza	18 176 401	14 523 309
Il-Kroazja	1 322 043	610 533
L-Italja	15 293 816	6 910 347
Ċipru	300 828	252 652
Il-Latvja	677 025	882 003
Il-Litwanja	932 083	1 256 256
Il-Lussemburgu	299 593	197 646
L-Ungerija	3 588 755	2 376 098
Malta	314 320	170 050
In-Netherlands	5 776 465	932 699
L-Awstrija	2 439 606	1 072 595
Il-Polonja	12 565 488	12 791 591
Il-Portugall	2 244 412	1 861 261
Ir-Rumanija	4 942 588,80	12 669 381,20
Is-Slovenja	689 729	305 638
Is-Slovakkja	1 932 221	1 698 579
Il-Finlandja	1 672 943	2 731 455
L-Iżvezja	0	8 401 227
Total	**124 704 121,80**	**96 100 013,20"**